MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 28/2014

**Jean Pierre Abdilla**

**vs.**

**Avukat Generali**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors datat il-11 t'April, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti Abdilla sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi tressaq il-qorti akkuzat fost l-ohrajn li:

1.1.1. Assocja ruhhu ma' persuna/i ohra biex ibiegh u jittraffika l-medicina f'Malta;

1.1.2. Forna jew ipprokura, jew offra droga eroina;

1.1.3. Kellu fil-pussess tieghu eroina kontra l-ligi;

1.2. Illi fit-3 ta' Dicembru, 2009, instab hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

1.3. Illi kien ikkundannat ghal:

1.3.1. Sittax –il sena (16) prigunerija;

1.3.2. Multa t'erbghin elf Ewro, (€40,000.00);

1.3.3. Konfiska favur il-Gvern ta' l-oggetti kollha li dwarhom sehh ir-reat;

1.3.4. Konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes u proprjeta`, mobbli jew immobbli;

1.4. Illi permezz ta' sentenza datata z-19 ta' Settembru, 2013, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali laqghet l-appell interpost parzjalment billi:

1.4.1. Irrevokat il-verdett;

1.4.2. Irrevokat id-dikjarazzjoni ta’ htija rigwardanti l-ewwel Kap ta’ l-att ta’ l-akkuza;

1.4.3. Ikkonfermat is-sentenza fil-bqija;

1.5. Illi l-lanjanzi kostituzzjonali tar-rikorrenti jindirizzaw is-segwenti:

1.5.1. Id-Diskrezzjoni ta’ l-Avukat Generali;

1.5.2. Id-Dritt ta’ l-Assistenza Legali;

1.5.3. Il-Piena;

Ikkunsidrat:

1.6. **Id-Diskrezzjoni ta’ l-Avukat Generali**:

1.6.1. Illi din id-diskrezzjoni li biha l-intimat jaghzel f’liema forum jigi processat ir-rikorrenti tilledi l-artiklu 37 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea minnu riferita, (ara foll 1);

1.6.2. Illi din il-lanjanza tistrieh fuq is-sentenza tal-Qorti relattiva indikata fl-ismijiet John Camilleri vs. Malta, datata t-22 ta' Jannar, 2013, (ara foll 1), li stabbiliet sintetikament is-segwenti:

1.6.2.i. Illi l-ligi in dizamina ma tistabbilixxi l-ebda linji gwida ghal dawk li huma reati serji u dawk li m'humiex;

1.6.2.ii. Illi ghalhekk l-intimat m'ghandux fuq xiex jibbaza d-decizjoni tieghu;

1.6.2.iii. Illi ghalhekk il-piena relattiva ghar-reat mhix determinata bi precizjoni;

1.6.2.iv. Illi l-intimat ghalhekk ghandu diskrezzjoni llimitata;

1.6.2.v. Illi allura tali decizjoni tkun:

1.6.2.v.a. Kemm soggettiva;

1.6.2.v.b. Kif ukoll arbitrarja;

1.6.3. Illi l-istess linja decizjonali baqghet tigi emfasizzata fil-kawzi Martin Dimech vs. Avukat Generali, u Joseph Lebrun vs. Avukat Generali;

1.6.4. Illi għalhekk din id-diskrezzjoni tilledi d-dritt fundamentali tieghu *ai termini* ta' l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni fuq gia` imsemmija;

1.6.5. Illi jekk l-ordni li fuqha jigu inizzjati l-proceduri taht il-Kap 101 jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrenti, allura l-proceduri sussegwenti huma wkoll inkwinati;

1.6.6. Illi *di piu`* l-intimat hu wkoll prosekutur ta' l-akkuzat;

1.6.7. Illi l-imsemmi poter ta' l-intimat mhux suffragat b'regoli appoziti, izda jiddependi biss minn diskrezzjoni suggettiva u insindakabbli;

1.6.8. Illi din id-diskrezzjoni torbot ukoll lill-qorti kopita b'tali decizjoni;

Ikkunsidrat:

1.7. **Id-Dritt ta' l-Assistenza Legali**:

1.7.1. Illi fil-perjodu meta r-rikorrenti kien investigat ma kienx hemm id-dritt ta' l-assistenza legali qabel jew waqt l-interrogazzjoni;

1.7.2. Illi in effetti r-rikorrenti irrilaxxa stqarrija minghajr ma kellu l-jedd jikkunsulta ruhhu m'avukat ta' fiducja;

1.7.3. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti kien imcahhad mill-access ghal *file* tal-pulizija;

1.7.4. Illi dan kien bi ksur ta’ l-artiklu 6 ta’ l-istess Konvenzjoni fuq indikata, u ta’ l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

1.7.5. Illi din il-posizzjoni hi fid-dawl tas-segwenti decizjonijiet:

1.7.5.i. Pulizija vs. Alvin Privitera;

1.7.5.ii. Pulizija vs. Esron Pullicino;

1.7.5.iii. Salduz vs. Turkija;

1.7.5.iv. Bruscae vs. Franza;

Ikkunsidrat:

1.8. **Il-Piena**:

1.8.1. Illi fis-sentenza taghha fuq riferita, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), u wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel), il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali:

1.8.1.1. Ikkonfermat il-piena ta’ sittax (16) -il sena prigunerija;

1.8.1.2. Ikkonfermat il-multa inflitta, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta punt tnejn, (1.3.2.), aktar qabel);

1.8.1.3. Illiberat lir-rikorrenti mill-akkuza tal-assocjazzjoni biex ibiegh jew jitraffika d-droga eroina;

1.8.2. Illi din is-sentenza tilledi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti senjatament, l-artiklu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni, u l-artiklu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni Ewropea;

1.8.3. Illi dan ghaliex *nonostante* li rriformat is-sentenza kif fuq indikat, ikkonfermat il-parti tal-pieni inflitti;

1.8.4. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata l-10 ta' Novembru, 2008, fl-ismijiet Joseph Portelli vs. Il-Pulizija (Spettur M. Mallia) et, (ara foll 4);

Ikkunsidrat:

1.9. Illi fid-dawl tas-suespost, ir-rikorrenti adixxa din il-qorti u talabha li:

1.9.1. Tiddikjara li gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikli 5(1)(a), 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni fuq riferita, u fl-artikoli 34(1)(b) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

1.9.2. Takkorda dawk ir-rimedji xierqa u effettivi, inkluz li tannulla, thassar u tirrevoka is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali datata z-19 ta' Settembru, 2013, fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs. Jean Pierre Abdilla;

2.0. Rat ir-risposta datata z-19 ta' Mejju, 2014, li permezz taghha l-Avukat Generali sintetikament espona is-segwenti:

2.1. **Illi rigward id-diskrezzjoni in dizamina ta' l-intimat jinghad is-segwenti**:

2.1.1. Illi ma jilledix l-artikli indirizzati mir-rikorrenti;

2.1.2. Illi din id-diskrezzjoni hi suggetta ghall-istharrig gudizzjarju;

2.1.3. Illi r-rikorrenti seta jattakka l-istess decizjoni quddiem qorti kompetenti;

2.1.4. Illi la m'attakkahhiex fil-waqt opportun, allura jittiehed li kien accetta, li l-istess decizjoni kienet wahda ragonevoli;

2.1.5. Illi r-rikorrenti ma jikkritikax il-valutazzjoni ta' l-intimat;

2.1.6. Illi l-parametri tal-piena dwar pussess u traffikar huma cari;

2.1.7. Illi l-intimat dejjem kien kostanti fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tieghu, u allura l-parametri uzati huma prevedibbli;

2.1.8. Illi r-rikorrenti kellu kull opportunita` jikkontesta d-decizjoni ta' l-intimat, haga li ma jirrizultax li ghamel;

2.1.9. Illi ghalhekk ir-rikorrenti naqas li jezawrixxi r-rimedji ordinarji tieghu fir-rigward u ghalhekk japplika l-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ta' l-artiklu 4(2) tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2.1.10. Illi l-artiklu 22 tal-Kap 101 ta' l-istess ligijiet ma johloq l-ebda incertezza jew inprevedibilita`, ghaliex l-elementi tar-reat jibqghu l-istess;

2.1.11. Illi rigward il-piena, din hi facilment prevedibbli;

2.1.12. Illi meta r-rikorrenti ikkommetta r-reati in dizamina hu kien membru tal-Korp tal-Pulizija;

2.1.13. Illi ghalhekk kien konxju tal-parametri rigwardanti l-piena involuta fir-reati lilu addebitati;

2.1.14. Illi ghalkemm il-kriterji uzati mill-intimat m'humiex elenkati statutorjament, dawn facilment jistghu jigu presunti mill-gurisprudenza;

2.1.15. Illi rigward is-smigh xieraq jinghad li l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni *de quo* jirregola biss il-mod kif jitmexxa l-process involut u mhux il-mod kif akkuzat jingieb quddiem qorti;

2.1.16. Illi l-garanziji kollha kontemplati fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni kollha gew osservati;

2.1.17. Illi ghalhekk ma kien hemm l-ebda ksur ta' l-artikli 6 u 7 tal-Konvenzjoni *de quo*;

2.2. **Dwar id-dritt t'assistenza legali jinghad sintetikament s-segwenti**:

2.2.1. Illi l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni u l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni jindirizzaw drittijiet differenti;

2.2.2. Illi n-nuqqas rivelat ma jgib l-ebda pregudizzju serju ghar-rikorrenti;

2.2.3. Illi fiz-zewg (2) stqarrijiet rilaxxati mir-rikorrenti dan ghazel liberament u konsapevalment li ma jirrispondix;

2.2.4. Illi bhala membru tal-Korp tal-Pulizija r-rikorrenti kien jaf ben tajjeb xi tfisser li tirrilaxxa stqarrija;

2.2.5. Illi l-ghazla tieghu li ma jirrispondiex tirrifletti dan;

2.2.6. Illi s-sejbien ta' htija zgur mhix ibbazata fuq tali stqarrijiet izda fuq provi ohra;

2.2.7. Illi ma jirrizultax li kien hemm xi pressjoni indebita fuq ir-rikorrenti;

2.2.8. Illi ma jezisti l-ebda dritt taht il-Konvenzjoni *de quo* li jistabbilixxi dritt t'access ghal xi *file*;

2.2.9. Illi l-provi kollha karpiti jigu pprezentati fil-miftuh fil-qorti fejn l-istess rikorrenti jkollu ampja opportunita` jirribadixxi l-istess;

2.3. **Dwar il-Piena**:

2.3.1. Illi originarjament ir-rikorrenti kien akkuzat bi tmin (8) kapi t'akkuza;

2.3.2. Illi l-gurija sabet lir-rikorrenti akkuzat hati ta' l-akkuzi kollha;

2.3.3. Illi a bazi ta' l-imsemmi verdett, il-Qorti Kriminali emanat is-sentenza taghha (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel),

kif puntwalizzat mill-istess Qorti Kriminali, (ara paragrafu numru tmintax (18) a foll 16);

2.3.4. Illi fid-decizjoni taghha, il-Qorti ta’ l-Appelli Kriminali specifikat li *nonostante* li laqghet t-tieni aggravju tar-rikorrenti odjern fl-appell lilha interpost, pero` emfasizzat li dan ma kellu l-ebda effett fuq il-piena, (ara foll 16);

2.3.5. Illi ghalhekk, hu pacifiku li *nonostante* l-fatt li fl-appell intlaqgha aggravju indikat mir-rikorrenti odjern, dan irrizulta irrilevanti ghall-piena;

2.3.6. Illi ghalhekk ma kien hemm l-ebda ksur ta’ l-artiklu 34(1)(b) tal-Kostituzzjoni u ta’ l-artiklu 5(1)(a) tal-Konvenzjoni in dizamina;

2.4. **Dwar ir-rimedju mitlub**:

2.4.1. Illi in vista tal-premess, is-sentenza datata z-19 ta’ Settembru, 2013, tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali, tigi revokata;

2.4.2. Illi l-funzjoni ta’ qorti t’indole kostituzzjonali mhux li tirrevedi sentenzi u l-ammonti ta’ pieni inflitti, izda hi limitata ghall-aspetti Kostituzzjonali u Konvenzjonali li jistghu jkunu indirizzati;

2.4.3. Illi ghalhekk din il-qorti ma tistax tezamina il-mertu ta’ kawza kriminali u:

2.4.3.i. Tiddeciedi jekk il-procedura in dizamina kelliex tigi indirizzata minflok quddiem il-Qorti tal-Magistrati; jew

2.4.3.ii. Tiddeciedi jekk il-piena moghtija kienitx xierqa;

2.4.4. Illi konsequentement, din il-qorti ghandha:

2.4.4.i. Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

2.4.4.ii. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3. Semghet lix-xhud prodott;

4. Rat id-digriet taghha datat it-30 t'Ottubru, 2014, li permezz tieghu, wara talba appozita ta' l-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` u fit-termini, hemm indikati, (ara foll 27);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata it-12 ta' Jannar, 2015, (ara foll 41), flimkien man-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimat datata d-9 ta' Marzu, 2015, (ara foll 52);

6. Rat il-verbal datat it-18 ta' Marzu, 2015, li permezz tieghu ddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq is-sottomissjonijiet skritti taghhom, (ara foll 65);

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti kien membru tal-Korp tal-Pulizija, (ara foll 28);

7.2. Illi fi Frar, 2005, certu Jean Claud Agius kien informa lill-Pulizija li kien avvicinat mir-rikorrenti Abdilla u qallu jekk kienx jaf b'xi hadd li ried nofs kilo eroina, (ara foll 28);

7.3. Illi l-Pulizija, munita b'tali informazzjoni, fittxet u ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni tal-Magistrat Inkwirenti, (ara foll 28);

7.4. Illi sussegwentement l-imsemmi Agius gie awtorizzat jikkuntattja lir-rikorrenti ghal dan il-ghan u effettivament inzammu zewg (2) laqghat li kienu anke gew iffilmjati mill-Pulizija, (ara foll 29);

7.5. Illi l-laqghat *de quo* saru:

7.5.1. Wahda fil-parkegg l-antik tat-terminal ta' l-ajruport; u

7.5.2. L-ohra fejn jarma l-monti f'Hal-Luqa, (ara foll 29);

7.6. Illi fit-tieni laqgha fuq indikata r-rikorrenti ghadda kampjun ta' mhux aktar minn nofs gramma lil Agius, liema konsenja kienet ukoll debitament iffilmjata mill-Pulizija, (ara foll 29);

7.7. Illi fuq ordni tal-Magistrat Inkwirenti, il-kampjun involut kien mghoddi mill-ewwel lil Godwin Sammut li ezamina l-istess kampjun u kkonferma li l-kontenut kien effettivament droga;

7.8. Illi muniti b'din l-informazzjoni, il-Pulizija ghaddiet ghall-fazi successiva biex issir il-konsenja kontrollata, (ara foll 29);

7.9. Illi f'dan l-istadju Agius ukoll informa lill-Pulizija investigattiva li kien infurmat mir-rikorrenti li dan setgha anke jfornieh b'kilo eroina minflok in-nofs kilo qabel imsemmi (ara paragrafu numru sebgha punt tnejn, (7.2.), aktar qabel);

7.10. Illi l-prezz ghall-kunsenja *de quo* kellha tibqa` ta' hamsa u ghoxrin Lira Maltija, (Lm25.00), -il gramma, (ara foll 29);

7.11. Illi l-konsenja kkontrollata prevista ma sehhitx ghaliex il-Pulizija hasset li ma kelliex kontroll tas-sitwazzjoni, (ara foll 29 u 30);

7.12. Illi l-imsemmi Agius ikkonferma l-involviment tieghu fir-rigward quddiem il-Magistrat Inkwirenti, (ara foll 30);

7.13. Illi r-rikorrenti kien interrogat darbtejn u hafna drabi ghazel li ma jwiegibx;

7.14. Illi l-interrogatorji saru wara li l-istess rikorrenti inghata d-debita twissija skont il-ligi, u ghazel ukoll li ma jiffirmax l-istess, (ara foll 30 u 32 sa 35);

7.15. Illi *di piu`*, l-istess rikorrenti kien ipprova jikkorrompi ufficjal ta' l-imigrazzjoni biex jiddahhlu Morakkini f'Malta *nonostante* li ma jkollhomx il-visa ghal dan il-ghan, (ara foll 30);

7.16. Illi l-indole tar-rikorrenti tul iz-zewg (2) stqarrijiet fuq riferiti kienet wahda naqra arroganti, (ara foll 30);

7.17. Illi tenut kont tal-fatt li r-rikorrenti kien membru tal-Korp tal-Pulizija, dan kellu jigi sospiz izda minflok, ir-rikorrenti ghazel li jirrizenja minn jeddu, (ara foll 30 u 31);

7.18. Illi r-rizenja tar-rikorrenti giet accettata, (ara foll 31);

7.19. Illi r-rikorrenti kien sussegwentement imressaq il-qorti skont il-ligi rinfaccjat b'diversi imputazzjonijiet kif fuq indikat;

7.20. Illi fil-presentata in dizamina r-rikorrenti kien wiegeb li mhux hati ghall-akkuzi indirizzati fil-konfront tieghu;

7.21. Illi fl-istess prezentata kienet prodotta kopja ta' l-ordni ta' l-Avukat Generali *ai termini* ta' l-artiklu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghha kien stabbilit li r-rikorrenti kellu jigi eventwalment imressaq quddiem

il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu;

7.22. Illi l-eventwali att ta' l-akkuza kien gia` pprezentat fil-qorti appozita fil-25 ta' Gunju, 2007, wara t-terminazzjoni ta' l-atti kumpilattivi;

7.23. Illi l-piena massima involuta kienet ta' ghomor il-habs, flimkien ma' multa;

7.24. Illi s-sentenza giet erogata fit-3 ta' Dicembru, 2009, fejn ir-rikorrenti odjern hemm akkuzat:

7.24.1. Instab hati ta' l-akkuzi kollha;

7.24.2. Gie kkundannat komplessivament ghal:-

7.24.2.i. 16 il-sena prigunerija; u

7.24.2.ii. Multa ta' erbghin elf Ewro, (€40,000.00);

7.24.2.iii. Konfiska ta' l-oggetti li bihom sar ir-reat, kemm oggetti mobbli kif ukoll immobbli, favur il-Gvern ta' Malta;

7.25. Illi fiz-19 ta' Settembru, 2013, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali laqghet parzjalment l-appell tar-rikorrenti hemm appellant u:

7.25.1. Filwaqt li sabitu mhux hati ta' l-ewwel Kap t'Akkuza;

7.25.2. Ikkonfermat il-bqija tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi principalment din il-procedura tirrigwarda zewg kwistjonijiet, senjatament:

8.1. Id-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali fil-proceduri in dizamina, u

8.2. L-assistenza legali ta' suspettat waqt interogatorju kondott mill-Pulizija investigattiva;

li t-tnejn superati billi l-kwistjonijiet sollevati gew finalment rizolti permezz ta' legislazzjoni appozita, u direzzjoni gudizzjarja sahansitra mill-Qorti ta' Strasburgu;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi fil-konfront ta' l-ewwel kwezit jinghad fil-qosor is-segwenti:

9.1. Illi fil-kawza fl-ismijiet ***John Camilleri vs. Malta deciza fit-22 ta' Jannar, 2013***, l-istess Qorti Ewropea fuq riferita sintetikament stabbiliet fost affarijiet ohra, is-segwenti:

9.1.1. Illi sa dak iz-zmien in dizamina il-ligi ma kienet tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward;

9.1.2. Illi ghalhekk il-ligi ma kienitx tipprovdi indikazzjoni preciza tal-piena relattiva konnessa mar-reat *de quo*;

9.1.3. Illi ghalhekk ukoll l-Avukat Generali nghata diskrezzjoni assoluta biex jiddeciedi liema tkun il-piena minima applikabbli fil-kaz minnhu hekk determinat;

9.1.4. Illi l-istess qorti affermat ukoll li tali operat hu ghalhekk mhux biss suggettiv, izda hu wkoll arbitrarju u dan, tenut kont tal-fatt li ma kien statutorjament stabbilit l-ebda kontroll fuq l-operat ta' l-Avukat Generali fir-rigward;

Ikkunsidrat:

10.0. Illi fil-konfront tat-tieni kwezit fuq riferit, jinghad fil-qosor is-segwenti:

10.1. Illi sa dak iz-zmien in dizamina l-ligi ma kienet tipprovdi l-ebda gwida fir-rigward;

10.2. Illi ghalhekk, ghalkemm il-kazistika lokali kienet stabbilit rekwiziti precizi ghall-istqarrija valida, pero` d-dritt ghall-assistenza legali waqt interrogatorju f'investigazzjoni tal-Pulizija ma kienx jezisti;

10.3. Illi llum, dan id-dritt jirrizulta sancit legislettivament;

Ikkunsidrat:

11. Illi in vista tal-premess, jirrizulta pacifiku li l-lanjanzi tar-rikorrenti tant jirrizultaw serji, li l-izvilupp legali nostran eventwalment evolva biex jirrikonoxxi tali drittijiet in dizamina u jissanzjonhom legislattivament;

Ikkunsidrat:

12. Illi tenut kont ta' tali evoluzzjoni statutorja, tibqa` il-kwistjoni li *nonostante* dan, jirrizultax li effettivament kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti fir-rigward;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-diskrezzjoni insindakabbli ta' l-Avukat Generali in dizamina jinghad sintetikament is-segwenti:

13.1. Illi hu principju tal-gustizzja fl-aktar ambitu wiesgha taghha, li diskrezzjoni amministrattiva ghandha tkun ibbazata fuq ragunijiet pubblici soggetti ghal skrutinju indipendenti;

13.2. Illi n-nuqqas ta' tali skrutinju oggettiv imur kontra s-sovranita` tad-dritt u jirriverti l-arlogg lura ghar-

rintroduzzjoni ta’ sistema inkwizitorjali li f’Malta li ilha li giet konsenjata lill-istorja ghal aktar minn seklu u nofs;

Ikkunsidrat:

14. Illi l-evoluzzjoni socjali wasslet ukoll biex tirrikjedi zvilupp anke ghal dak li ghandu x’jaqsam ma l-operat investigattiv tal-forzi investigattivi fejn illum is-socjeta` tirrikjedi certi garanziji procedurali li qabel ma kienux ikunu meqjusa deziderati;

15. Illi llum, xprunati mill-avvicinament internazzjonali riskontrat ghal dawn l-ahhar hamsin (50) sena, l-operat in dizamina attira l-introduzzjoni ta’ dan l-izvilupp garantista li jghin lis-socjeta` Maltija moderna tiggarantixxi kemm is-sigurta` nazzjonali kif ukoll id-drittijiet fundamentali li minn zmien ghal zmien jattiraw tali attenzjoni;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi finalment, rigwardanti l-lanjanza fuq il-piena kif sollevata mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1. Illi din il-vertenza hi sancita mill-limiti statutorji li fuqha kienet stabbilita u deciza kemm mill-Qorti Kriminali kif ukoll mill-appell appozitu;

16.2. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li qorti t’indole kostituzzjonali m’ghandha qatt tippermetti lilha nnifisha li tigi manipulata u mibdula f’qorti ohra ta’ appell minn qorti ta’ l-appell;

16.3. Illi fir-rigward din il-qorti hi sodisfatta li l-analisijiet riskontrati fuq il-piena inflitta lir-rikorrenti fil-kawzi in dizamina gew regolarment konkluzi, u m’ghandha xejn x’izzid fir-rigward;

Ikkunsidrat:

17. Illi in vista tal-premess, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu *in parte*, senjatament, illi tenut kont tad-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali in kwistjoni u tan-nuqqas riskontrat fil-mument ta' l-istqarrijiet mehuda lis-suspettat, illum rikorrenti, d-drittijiet fundamentali tieghu, kif minnhu indirizzati fir-rikors promotur gew effettivament miksura;

18. Illi pero` ghandu wkoll jigi emfasizzat li hawn si tratta ta' persuna li fil-fatt kien gia` membru tal-Korp tal-Pulizija ta' certu esperjenza u mhux xi zaghzugh novell li nqabad f'realta` akbar minnhu;

19. Illi rigward il-lanjanza tar-rikorrenti fuq il-piena jinghad li fid-dawl tas-suespost, din il-lanjanza ma gietx pruvata, u ghalhekk qed tigi respinta, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi konsegwentement din il-qorti:

**DECIDE:**

20.1. Tiddikjara li gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *stante* li l-operat ta' l-Avukat Generali u tal-Pulizija Investigattiva fuq analizzat ikkontaminaw l-procedura sussegwenti u ghalhekk illedew id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti mill-artikli 5(1)(a), 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea fuq riferita, u fl-artikli 34(1)(9b) u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

20.2. Illi tenut kont tal-fatt li l-istess rikorrenti kien membru tal-Korp tal-Pulizija, bhala rimedju kif mitlub, tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont komplessiv ta' elf Ewro, (€1,000.00), u tiddikjara li s-sentenzi indirizzati lir-rikorrenti li taghhom talab li jigu dikjarati nulli u li ghandhom jigu revokati u imhassra ghandhom minflok, ghalhekk, jibqghu fis-sehh *stante* li l-procedura fihom riskontrata tirrizulta li fiha nnifisha ma kissritx id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------